**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

**Laqgħa Numru 4** **Nhar it-Tnejn d-29 ta ' Settembru 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

Preżenti:

- Neville Chetcuti – Sindku
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Martin Vella – Kunsillier
- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Jessica Borg – Kunsilliera

Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera
- Conrad Borg Manche – Kunsillier

Assenti:

Ħadd

Uffiċjali Preżenti:

- Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti: is-Sindku Neville Chetcuti, Joyce Bray, Martin Vella, Ryan Sciberras, u Jessica Borg. Kien hemm ukoll preżenti Mr. Fabian Borg, impjegat tal-Kunsill li jieħu ħsieb is-sessjoni ta' RIU.

**4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

4.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Is-Sindku Neville Chetcuti beda l-laqgħa b'talba

4.1.2s-Sa. Mandy Farrugia, Deputat Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermat ir-riċeviment ittri ta' apoloġiji mill-kunsilliera assenti Ralph Mangion ,Aaron Caruana,Tania Borg, Conrad Borg Manche

4.1.3 Is-Sindku stieden lis-Sur Fabian Borg sabiex jispjega lill-kunsilliera x'inhu x-xogħol li qed iwettaq l-unit RIU

Is-Sur Fabian Borg, impjegat tal-Kunsill u responsabbli għall-Unit RIU, ta spjegazzjoni dettaljata lill-kunsilliera dwar ix-xogħol li qed iwettaq dan l-unit. L-Unit RIU (Research Innovation Unit) huwa responsabbli għall-innovazzjoni u r-riċerka fil-Kunsill Lokali, bil-għan li jtejjeb is-servizzi u l-infrastruttura tal-komunità tal-Gżira.

Is-Sur Borg spjega li l-Unit qed jaħdem fuq diversi fondi u proġetti, Ix-xogħol tal-Unit jinkludi l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda u l-applikazzjoni għal fondi biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u innovattiv tal-lokalità.

4.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 3 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

---

4.2 Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti

4.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 3 ġew mqassma u ttieħdu bħala moqrija.

4.2.2 Is-Sindku Neville Chetcuti spjega li huwa flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

u wieħed mill-istaff iltaqgħu mas-Surintendent tal-Pulizija tal-Komunità. F’din il-laqgħa, ġew diskussi rotot ta’ sorveljanza fiż-żoni li huma aktar sensittivi fil-lokalità, fejn saret talba għal aktar għases tal-Pulizija tal-Komunità esklussivament għall-Gżira.

4.2.3 Is-Sindku Chetcuti informa wkoll li l-Kunsill irċieva data biex issir laqgħa ma’ MIDI rigward l-iżviluppi tal-proġett tagħhom.

4.2.4 Il-Kunsillier Martin Vella talab għal aktar ċarifikazzjoni dwar il-pompa tal-petrol.

4.2.5 Is-Sindku Chetcuti spjega li qed jistenna stima mill-kuntrattur rigward kemm tiswa biex jinbidel id-dawl fis-swali tal-housing estate minn isfar għal abjad.

4.2.6 Fuq proposta tal-kunsillier Martin Vella, sekondata mill-Kunsillier Joyce Bray, il-minuti tal-laqgħa numru 3 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

---

### 4.3 Korrespondenza mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku Chetcuti informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mad-Dipartiment tat-Tindif (Cleansing Department). Għaldaqstant, ġie propost li l-Kunsill jidħol f’MOU ma' dan id-dipartiment. Il-ftehim jinkludi l-provvista ta’ 9 kenniesa, supervisur, ħasil tal-kontejners u toroq, qtugħ tal-ħaxix fuq il-bankini, u sweepers dedikati għall-lokalità. Il-Kunsill se jħallas lill-Dipartiment tat-Tindif skont l-allokazzjoni dovuta. Il-kunsilliera kollha qablu mal-ftehim propost.

4.3.2 Is-Sindku Chetcuti spjega li se jibdew il-korsijiet "Read with Me" fil-kamra tal-Kunsill sakemm titlesta l-librerija.

4.3.3 L-email mit-Transport Malta ġiet diskussa, fejn il-linji fit-Triq ir-Rebħa, quddiem il-Grands Suites Hotel, ġew approvati. Is-Sindku esprima tħassib li ħafna postijiet ta' parkeġġ qed jittieħdu lir-residenti minħabba l-bini ta' lukandi u bed-and-breakfasts.

4.3.4 Il-Kunsill qabel li jħallas €175 għall-parteċipazzjoni fil-Veteran Football League biex ikun hemm promozzjoni għal anzjani biex jibqgħu attivi.

4.3.5 Is-Sindku ġab stima li tindika li t-tindif tal-housing estate se jiswa €3,000.

4.3.6 Is-Sindku rċieva email mid-Dipartiment tat-Toroq rigward żewġ toroq ġodda li se jissemmew "Triq Tal-Karmnu" u "Triq Sir Charles Cameron".

4.3.7 Ġie rċevut talba għal linja safra doppja f'faċċata ta' Triq Henry F. Bouverie, u Transport Malta ma kellhiex oġġezzjoni.

4.3.8 Il-Kunsill approva l-permess għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festival Spanjol bil-kundizzjoni li l-organizzaturi jħallu posthom nadif wara l-attività.

4.3.9 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex issir il-fun run "Colour My Run" fil-Ħadd, 27 ta' Ottubru.

4.3.10 Ġiet rċevuta talba għal installazzjoni ta' hoarding f'Triq Manuel De Vilhena minħabba kwistjonijiet ta' sigurtà, u l-Kunsill approva.

4.3.11 Il-Kunsill rċieva komunikazzjoni mill-kumpanija ST dwar unit mobbli għad-donazzjoni tad-demm li se tkun fil-post fit-Triq ix-Xatt nhar il-25 ta' Ottubru. Il-Kunsill iddeċieda li jikkollabora f'din l-inizjattiva.

4.3.12 Il-Kunsill rċieva proposta mill-MHSA biex jibdew joffru kontrolli tas-saħħa fil-lokalità, u l-Kunsill qabel li jgħin fejn jista'.

4.3.13 Sar talb biex jitwaqqaf sleeping policeman fi Triq Albert, u l-Kunsill ser jiċċekkja jekk tista' tittieħed azzjoni fuq din it-talba.

4.3.14 Il-Kunsill iddiskuta l-iskema "Vjal Kulħadd" fejn il-parti ta' Triq Manuel De Vilhena, mill-knisja 'l ġewwa, tista' tiġi mmodifikata b'bollards, il-ħolqien ta' postijiet ta' parkeġġ, u

installazzjoni ta' fanali ġodda.

4.3.15 Ġie diskuss li tintbagħat email lil-Infrastructure Malta (IM) biex jitlesta culvert f'Triq Manuel De Vilhena.

4.3.16 Ġiet proposta kollaborazzjoni mal-ST Group rigward il-proġett ta' Ponsonby u Stuart. Il-Kunsill qed jikkunsidra li mhux jintilfu postijiet ta’ parkeġġ u li jsiru planters jew pots kif ukoll kameras ta’ sorveljanza għal aktar sigurtà.

4.3.17 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li se tintbagħat komunikazzjoni lill-Kummissarju u lill-Ministru Byron Camilleri rigward il-problema tal-abbuż tad-droga u tal-bullijiet.

4.3.18 Ġiet ipproposta l-applikazzjoni biex Geri Zammit Square u Triq Turu Rizzo jsiru żoni one-way.

4.3.19 Is-Sindku Neville Chetcuti ippropona li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Mandy Farrugia, issir Segretarju Eżekuttiv full-time. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

4.3.20 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-fondi mill-Public Works (€175,000) jintużaw biex isiru bankini f'Triq Manuel de Vilhena.

4.3.21 Is-Sindku saħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta’ full-timer ieħor fil-Kunsill. Il-kunsilliera qablu wkoll ma' din it-talba.

4.3.22 Il-Kunsill organizza żewġ attivitajiet matul ix-xahar: waħda għal Għawdex u oħra għal Sqallija.

## 4.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.4.1 Kunsillier Martin Vella ippropona li jorganizza attivitajiet kulturali bħall-Esplora, ħarġa l-Belt, u attivitajiet kulturali oħra.

4.4.2 Kunsilliera Jessica Borg tkellmet dwar attivitajiet marbuta mal-Milied.

4.4.3 Kunsilliera Jessica Borg ssuġeriet li l-Kunsill jirranġa bieb fil-Gżira biex jerġa' jkun monument sabiħ. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill ser jibda jaħdem fuqha meta tinfetaħ skema.

4.4.4 Kunsilliera Jessica Borg proponiet li l-Kunsill jagħmel xi attività fl-ewwel jum tal-iskola.

2.5 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti bi propost minn kunsillier Jessica Borg. Kunsillier Ryan Sciberras issekonda l-proposta.

2.5 Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-7:35 p.m., u s-seduta li jmiss se tkun nhar il-25 t'Ottubru. Din il-laqgħa ġiet konfermata fis-29 ta' Settembru 2024.

IFFIRMATA IFFIRMATA

**Neville Chetcuti** **Is-Sa. Mandy Farrugia**

**Sindku** **Deputat Segretarju tal-Eżekutiv**